**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 281/2016**

**360 Food Imports Limited (C 46590)**

**vs**

**Antoine Tanti (KI 378571M) u Johan Tanti flimkien ezercitanti l-kummerc taht l-isem Champ Pastizzeria GMF Estates, Complex No. 7, Tal-Handaq, Qormi**

**Illum, 16 t'Ottubru, 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-socjeta' attrici li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-socjeta' attrici:

> "s-somma ta' sebat' elef, disa' u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (7059.97 Ewro) oltre l-interessi, rapprezentanti fi hlas ta'

merkanzija diga minbjugha u kkonsenjata lilkom, liema merkanzija giet accettata minkom minghajr l-ebda riserva, oltre l-interessi, l-ispejjez tal-prezenti u dawk tal-ittra ufficjali 1516/2016."

Rat illi l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat illi l-intimat Antoine Tanti deher fis-seduta tas-07 ta' Novembru 2018, fejn ukoll ta ruhu notifikat bil-proceduri odjerni u kkontesta it-talba verbalment u l-Qorti tat zmien ghoxrin jum lill-intimati sabiex jipprezentaw risposta.

Rat illi l-intimati ma prezentaw l-ebda risposta.

Rat l-atti.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-qosor**

Illi, fil-qosor, f'din il-kawza s-socjeta rikorrenti qed titlob il-hlas ta' sebat' elef, disa' u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€7059.97 Ewro) oltre l-interessi, rapprezentanti fi hlas ta' merkanzija.

Illi l-intimati ma ressqu l-ebda eccezzjoni. Illi l-intimat Antoine Tanti deher quddiem il-Qorti u kkontesta t-talba verbalment, pero baqa' ma prezentax risposta bil-miktub. L-intimat Johan Tanti ma prezenta l-ebda risposta u ma kkontesta t-talbiet attrici bl-ebda mod.

**Provi**

Illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019, xehed ir-rapprezentant tas-**socjeta rikorrenti** fejn iddikjara li l-ammont mitlub, rapprezentanti merkanzija konsenjata lill-intimati, ghadu ma thallasx u ghadu dovut.

Illi permezz ta' nota esebita a folio 49, 50 u 51 tal-process is-socjeta rikorrenti esebiet rizoluzzjoni tal-Bord u statement rigwardanti t-talba taghha.

**L-intimati** ma ressqu l-ebda prova, stante li Johann Tanti huwa kontumaci, filwaqt illi ghalkemm Antoine Tanti deher darba quddiem il-Qorti meta huwa kkontesta t-talba attrici verbalment u imnghata d-dritt minn din il-Qorti li jaghmel risposta bil-miktub, huwa baqa' ma prezenta l-ebda risposta bil-miktub u ma prezenta l-ebda prova.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti t-talba attrici, in kwantu mertu tal-kawza, tirrizulta pruvata u timmerita li tigi milqugha.

Illi fir-rigward tat-talba ghall-ispejjez tal-ittra ufficcjali 1516/2016 imsemmija fir-rikors promotur, din ma gietx prezentata in atti u ma saret l-ebda referenza ghaliha fil-provi migjuba quddiem din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentament tikkundanna lill-intimati, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sebat' elef, disa' u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€7059.97 Ewro), bl-ispejjez tal-prezenti procedura u bl-imghax skond il-ligi li ghandu

jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament a karigu tal-intimati in solidum bejniethom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur